# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 21/2015 JVC**

**Danielle Mizzi (I.D. 537263M) u Joan Engerer (I.D. 448657M)**

**vs**

**Erika Spiteri u Rosanna sive Roxanne Rizzo u ghal kull interess li jista' jkollu Hector Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Danielle Mizzi kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

‘1. Illi Hannibal Pace miet fis-16 ta' Jannar 2005 (Dok A) u martu Edith Pace mietet fid-19 ta' Awwissu 2012 (Dok B).

2. Illi l-partijiet, eccettwat Hector Spiteri, huma l-erba’ ulied tal-imsemmija Hannibal u Edith konjugi Pace filwaqt li l-konvenut Hector Spiteri huwa zewg il-konvenuta Erika Spiteri.

3. Illi skont ir-ricerki testamentarji ta’ Hannibal Pace (Dok C u D) il-wirt tieghu huwa regolat bit-testment unica charta datat 3 ta’ Gunju 1988 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Brincat (Dok E) kif modifikat bit-testment addizzjonali datat 13 ta’ Jannar 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Andre Farrugia (Dok. F).

4. Illi bit-testment datat 3 ta’ Gunju 1988, it-testatur Hannibal Pace halla lil martu Edith Pace b’titolu ta’ legat il-kwart indiviz tal-assi ereditarji tieghu in pjena propjeta u l-uzu u uzufrutt tar-rimanenti tlett kwarti u nnomina bhala eredi universali tieghu lil partijiet kollha indaqs bejniethom eccettwat Hector Spiteri, cioe’ kwart kull wahda minnhom u bit-testment addizzjonali tat-13 ta’ Jannar 2005 halla b’legat lin-neputih Jacques Mizzi (iben l-esponenti Danielle Mizzi) l-arlogg imsemmi fl-istess testment, wirt parafernali tieghu.

5. Illi skont ir-ricerki testamentarji ta’ Edith Pace (Dok G u H) il-wirt taghha huwa regolat bit-testment datat 11 ta’ Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (Dok I) kif modifikat bit-testment addizzjonali datat 20 ta’ April 2010 fl-atti tal-istess Nutar Francesca Borg (Dok J).

6. Illi bl-ewwel imsemmi testment tal-11 ta’ Jannar 2010, it-testatrici Edith Pace halliet diversi prelegati lill-erba’ uliedha (il-partijiet eccettwat Hector Spiteri) u legati liz-zewg neputijiet taghha, ulied il-konvenuta Erika Spiteri u nnominat bhala eredi universali taghha lil partijiet kollha indaqs bejniethom eccettwat

Hector Spiteri, cioe kwart kull wahda minnhom u bit-testment addizzjonali tal-20 ta' April 2010 iddikjarat li l-konvenuta Rosanna Rizzo qeghda tirrisjedi fid-dar matrimonjali tat-testatrici u ta' zewgha premort b'mera tolleranza.

7. Illi bid-diversi prelegati u legati mhollija mit-testatrici fit-testment taghha tal-11 ta' Jannar 2010, hija ddisponiet minn diversi assi, inkluz depoziti bankarji u nvestimenti u effetti mobbli ta' valur prezzjus li ma kienux jappartjenu lilha ghaliex jew huma derivanti mill-wirt parafernali tal-premort zewgha jew huma formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha, liema komunjoni qatt ma giet likwidata, liema prelegati u legati ma gewx imhollija bhala legati di *cosa altrui*.

8. Illi inoltre t-testatrici Edith Pace, fit-testment tal-11 ta' Jannar 2010 innominat lil konvenut Hector Spiteri (zewg il-konvenut Erika Spiteri) u lil David Engerer (zewg l-attrici Joan Engerer) bhala ezekuturi testamentarji taghha.

9. Illi David Engerer ma accettax li jagixxi ta' ezekutur testamentarju filwaqt li l-konvenut Hector Spiteri, mhux talli accetta izda talli qed jittanta jezegwixxi l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Edith Pace minghajr ma jaghti kaz li parti mill-assi ereditarji u parti mill-prelegati u legati mhollija mit-testatrici, ma jappartjenux lilha izda lill-assi tal-premort Hannibal Pace li ma nnominahx ezekutur testamentarju tieghu.

10. Illi, hlief ghad-depoziti bankarji u nvestimenti, l-konvenuti Erika Spiteri, Rosanna Rizzo u Hector Spiteri ghandhom il-pussess esklussiv tal-assi mobiljari inkluz l-effetti mobbli mhollija bi prelegati u legati mill-konjugi Hannibal u Edith Pace.

11. Illi inoltre l-konvenut Hector Spiteri ghandu u baqa' jzomm fil-pussess tieghu s-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) appartenenti lill-assi ereditarji tal-konjugi Hannibal u Edith Pace.

12. Illi wara ittra legali datata 23 ta' Awwissu 2013 mibghuta lill-avukat tal-konvenut Hector Spiteri (Dok K) dan tal-ahhar rrisponda b'ittra datata 3 ta' Settembru 2013 (Dok L) fejn wera bic-car li l-kwistjoni tal-prelegati u legati u tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Hannibal u Edith Pace kienu kwistjonijiet li setghu tirrisolvihom biss il-Qorti.

13. Illi l-konvenuta Rosanna Rizzo qeghda tokkupa il-fond 39, Villa Mheriez, Triq G. Despott, Kappara, San Gwann, wiehed mill-assi immobiljari tal-mejtin genituri taghha, minghajr ebda titolu validu fil-ligi ghajr dak ta' kompropjetarja bhala eredi tal-istess genituri.

14. Illi l-atturi jridu li d-divizjoni tal-wirt u immissjoni fil-pussess tal-prelegati u legati mhollija mill-konjugi Pace isir skont il-ligi u skont it-testmenti taz-zewg testaturi.

<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>

Peress illi Hannibal Pace miet fis-16 ta' Jannar 2005 (Dok A) u martu Edith Pace mietet fid-19 ta' Awwissu 2012 (Dok B);

Peress illi l-partijiet, eccettwat Hector Spiteri, huma l-erba' ulied tal-imsemmija Hannibal u Edith konjugi Pace filwaqt li l-konvenut Hector Spiteri huwa zewg il-konvenuta Erika Spiteri;

Peress illi skont ir-ricerki testamentarji ta' Hannibal Pace (Dok C u D) il-wirt tieghu huwa regolat bit-testment unica charta datat 3 ta' Gunju 1988 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Brincat (Dok E) kif

modifikat bit-testment addizzjonali datat 13 ta' Jannar 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Andre Farrugia (Dok F);

Peress illi bit-testment datat 3 ta' Gunju 1988, it-testatur Hannibal Pace halla lil martu Edith Pace b'titolu ta' legat il-kwart indiviz tal-assi ereditarji tieghu in pjena proprjeta` u l-uzu u uzufrutt tar-rimanenti tlett kwarti u nnomina bhala eredi universali tieghu lil partijiet kollha indaqs bejniethom eccettwat Hector Spiteri, cioe` kwart kull wahda minnhom u bit-testment addizzjonali tat-13 ta' Jannar 2005 halla b'legat lin-neputih Jacques Mizzi (iben l-attrici Danielle Mizzi) l-arlogg imsemmi fl-istess testment, wirt parafernali tieghu;

Peress illi skont ir-ricerki testamentarji ta' Edith Pace (Dok G u H) il-wirt aghha huwa regolat bit-testment datat 11 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (Dok I) kif modifikat bit-testment addizzjonali datat 20 ta' April 2010 fl-atti tal-istess Nutar Francesca Borg (Dok J);

Peress illi bl-ewwel imsemmi testment tal-11 ta' Jannar 2010, it-testatrici Edith Pace halliet diversi prelegati lill-erba' uliedha (il-partijiet eccettwat Hector Spiteri) u legati liz-zewg neputijiet taghha, ulied il-konvenuta Erika Spiteri, u nnominat bhala eredi universali taghha lil partijiet kollha indaqs bejniethom eccettwat Hector Spiteri, cioe` kwart kull wahda minnhom u bit-testment addizzjonali tal-20 ta' April 2010 iddikjarat li l-konvenuta Rosanna Rizzo qeghda tirrisjedi fid-dar matrimonjali tat-testatrici u ta' zewgha premort b'mera tolleranza;

Peress illi bid-diversi prelegati u legati mhollija mit-testatrici fit-testment taghha tal-11 ta' Jannar 2010, hija ddisponiet minn diversi assi, inkluzi depoziti bankarji u nvestimenti u effetti mobbli ta' valur prezzjuz li ma kienux jappartjenu lilha ghaliex jew huma

derivanti mill-wirt parafernali tal-premort zewgha jew huma formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha, liema komunjoni qatt ma giet likwidata, liema prelegati u legati ma gewx imhollija bhala legati *di cosa altrui*;

Peress illi inoltre t-testatrici Edith Pace, fit-testment tal-11 ta' Jannar 2010 innominat lill-konvenut Hector Spiteri (zewg il-konvenuta Erika Spiteri) u lil David Engerer (zewg l-attrici Joan Engerer) bhala ezekuturi testamentarji taghha;

Peress illi David Engerer ma accettax li jagixxi ta' ezekutur testamentarju filwaqt li l-konvenut Hector Spiteri, mhux talli accetta izda talli qed jittanta jezegwixxi l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Edith Pace minghajr ma jaghti kaz li parti mill-assi ereditarji u parti mill-prelegati u legati mhollija mit-testatrici, ma jappartjenux lilha izda lill-assi tal-premort Hannibal Pace li ma nnominahx ezekutur testamentarju tieghu;

Peress illi, hlief ghad-depoziti bankarji u nvestimenti, l-konvenuti Erika Spiteri, Rosanna Rizzo u Hector Spiteri ghandhom il-pussess esklussiv tal-assi mobiljari inkluz l-effetti mobbli mhollija bi prelegati u legati mill-konjugi Hannibal u Edith Pace;

Peress illi inoltre l-konvenut Hector Spiteri ghandu u baqa' jzomm fil-pussess tieghu s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) appartenenti lill-assi ereditarji tal-konjugi Hannibal u Edith Pace;

Peress illi wara ittra legali datata 23 ta' Awwissu 2013 mibghuta lill-avukat tal-konvenut Hector Spiteri (Dok K) dan tal-ahhar irrisponda b'ittra datata 3 ta' Settembru 2013 (Dok L) fejn wera bic-car li l-kwistjoni tal-prelegati u legati u tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Hannibal u Edith Pace kienu kwistjonijiet li setghet tirrisolvihom biss il-Qorti;

Peress illi l-konvenuta Rosanna Rizzo qeghda tokkupa il-fond 39, Villa Mheriez, Triq G. Despott, Kappara, San Gwann, wiehed mill-assi immobiljari tal-mejtin genituri taghha, minghajr ebda titolu validu fil-ligi ghajr dak ta' kompropjetarja bhala eredi tal-istess genituri;

Peress illi l-atturi jridu li d-divizjoni tal-wirt u immissjoni fil-pussess tal-prelegati u legati mhollija mill-konjugi Pace isir skont il-ligi u skont it-testmenti taz-zewg testaturi.

<u>TALBIET</u>

Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn il-konjugi Hannibal u Edith Pace fil-mument tal-mewt ta' Hannibal Pace.

2. Tordna konsegwentement id-divizjoni tal-assi komunitarji f'zewg porzjonijiet u tassenja l-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi partikolari ta' Hannibal Pace u l-kwota ta' hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi partikolari ta' Edith Pace.

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Hannibal Pace inkluz l-assi parafernali tieghu, u tassenja tliet kwarti (3/4) mill-istess assi lill-assi partikolari ereditarji ta' Hannibal Pace u r-rimanenti kwart (1/4) mill-istess assi lill-assi partikolari ereditarji ta' Edith Pace.

4. Tiddikjara nulli u bla effett dawk il-partijiet tal-prelegati u legati mhollija mit-testatrici Edith Pace li jirrizultaw bhala

assi partikolari u ereditarji tal-mejjet Hannibal Pace ai termini tal-artikolu 698 tal-Kodici Civili.

5. Tikkundanna lill-konvenut Hector Spiteri sabiex jirrifondi s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) lill-assi ereditarji tal-konjugi Pace fil-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi ereditarji ta' Hannibal Pace u hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi ereditarji ta' Edith Pace.

6. Tordna lill-konvenut Hector Spiteri sabiex, bhala ezekutur testamentarji ta' Edith Pace, ma jipprocedix ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Edith Pace jekk mhux ai termini ta' din is-sentenza.

7. Tikkundanna lill-konvenuti Rosanna Rizzo, Erika Spiteri u Hector Spiteri (qua esekutur) sabiex jimmettu fil-pussess tal-atturi u ta' Jacques Mizzi dawk il-prelegati u legati lilhom mhollija mill-konjugi Pace sa fejn l-istess prelegati u legati huma validi ai termini tal-imsemmi artikolu 698 tal-Kodici Civili.

8. Prevja l-hlas u immissjoni fil-pussess tad-diversi prelegati u legati mhollija mill-konjugi Pace skont kif fuq ordnat, tiddividi l-gid rimanenti lill-partijiet kollha, eccettwat il-konvenut Hector Spiteri, fil-kwota ta' kwart kull wahda minnhom mill-erba' ulied tal-imsemmija Hannibal u Edith konjugi Pace.

9. Tinnomina jekk ikun hemm bzonn perit tekniku ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-beni.

10. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex komodament divizibbli.

11. Tikkundanna lil konvenuta Rosanna Rizzo sabiex tizgombra mill-fond 39, Villa Mheriez, Triq G. Despott, Kappara, San Gwann, minnufih li l-istess fond jigi trasferit lil terzi.

12. Tinnomina nutar u kuraturi ghall-eventwali kontumaci sabiex jigu pubblikati l-atti relattivi nkluzi dawk tal-immissjoni fil-pussess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Hector Spiteri li taqra kif isegwi:

1. 'Illi huwa mhuwiex eredi izda biss ezekutur testamentarju nominat minn Edith Pace u b'hekk ma jopponix it-talbiet ghad-divizjoni u jissottometti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti f' dan ir-rigward.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suppost, il-konvenut esponenti mhuwiex indikat bhala parti diretta f'din il-kawza u b'hekk it-talba numru hamsa (5) fir-rikors promotorju hija insostenibbli u ghandha tigi rigettata.

3. Illi fir-rigward tal-hames (5) talba ta' l-atturi l-esponent jiddikjara illi m'ghandu l-ebda somma indikata mill-atturi ta' ghaxart elef ewro (€10,000) li kienu jappartjenu lil Edith Pace.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ingunti ghas-subizzjoni.'

Rat illi l-intimati Erica Spiteri u Rosanna sive Roxanne Rizzo ma pprezentawx risposta guramentata b'dan li huma kontumaci. Jirrizulta pero' li nhar il-5 ta' Frar, 2015 l-imsemmija intimati pprezentaw nota li taqra kif isegwi:

‘Fl-ewwel lok jaqblu interament mat-talbiet attrici bl-eccezzjoni ghal dawk it-talbiet li jirragwardjaw il-konvenut Hector Spiteri li dwarhom huma m’humiex edotti;

Fit-tieni lok qeghdin joggezzjonaw ghall-ispejjes kollha ta’ dan ir-rikors stante li dan gie ipprezentat inutilment – u dan peress li qatt ma kien hemm oggezzjoni ghal dak mitlub anzi, kienu l-konvenuti stess li kemm il-darba talbu u kitbu lill-atturi biex din id-divizjoni tkun tista issir izda il-konvenuti baqghu dejjem bla risposta.’

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji pubblici u sigrieti, ittri legali, digriet, inventarju, ritratti, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, kopja tal-process quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja), kuntratti, arblu tar-razza, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-digriet fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 42/2015 JZM fl-ismijiet Danielle Mizzi et -vs- Hector Spiteri fil-kwalita’ tieghu ta’ ezekutur testamentarju tal-eredita’ ta’ Edith Pace a fol. 51 et seq tal-process fejn il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimat;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta’ April, 2015 Dr Austin Sammut talab li l-Qorti tiddeciedi fuq it-tieni eccezzjoni qabel ma tidhol fil-mertu li tirrigwarda l-hames (5) talba attrici u t-tielet (3) eccezzjoni tieghu u rat li fis-seduta tad-9 ta’ Gunju, 2015 saret it-trattazzjoni fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimat Hector Spiteri u rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni msemmija;

Rat is-sentenza rigward it-tieni eccezzjoni tal-intimat Hector Spiteri datata 16 ta' Lulju, 2015 a fol. 114 et seq tal-process fejn il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intimat Hector Spiteri a fol. 114 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat fis-26 ta' Settembru, 2017 fejn talbu li l-Qorti joghgobha tinnomina espert jew esperti teknici sabiex issir valutazzjoni tal-oggetti u effetti mobbili kollha elenkati fl-anness inventarju Dok DJ1 a fol. 351 tal-process, rat ir-risposta tal-intimat Hector Spiteri ntavolata nhar l-20 ta' Ottubru, 2017 a fol. 358 tal-process u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Novembru, 2017 fejn laqghet it-talba u hatret lill-Edward de Gaetano sabiex jaghmel valutazzjoni tal-oggetti u effetti mobbli elenkati fl-inventarju Dok DJ1 inkluzi pitturi, izda mhux tal-fided u tal-kristall; kif ukoll lill-Joseph Azzopardi ta' Victor Azzopardi Jewellers sabiex jaghmel stima tal-fided u oggetti tal-kristall elenkati fl-imsemmi inventarju Dok DJ1;

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Joseph Azzopardi ntavolat nhar it-22 ta' Frar, 2018 a fol. 366 et seq tal-process u r-rapport tal-Espert Tekniku Edward de Gaetano ntavolat nhar it-22 ta' Frar, 2018 a fol. 370 et seq tal-process;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar l-24 ta' Settembru, 2018 fejn talbu li l-Qorti tordna lill-intimat Hector Spiteri sabiex jaghti rendikont u jesebixxi l-invoices u ricevuti fiskali kollha dwar is-somma ta' €3540 li jghid li gja hallas u jaghti rendikont dwar kif hadem is-somma ta' €3000 li jippretendi bhala kumpens, rat ir-risposta tal-intimat Spiteri u rat id-digriet tal-Qorti datat 11 ta' Dicembru, 2018 a fol. 434 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi f'din il-kawza kif dedotta;

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi l-fatti fil-qosor huma kif isegwi:

1. Illi din il-kawza titratta *actio familiae erciscundae* – talba ghad-divizjoni tal-wirt u successjoni tal-mejta Hannibal u Edith konjugi Pace u kwistjonijiet ohra relatati mal-istess. L-imsemmija Hannibal u Edith Pace gew nieqsa nhar is-16 ta' Jannar, 2005 u nhar id-19 ta' Awwissu, 2012 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 7 u fol. 8 tal-process). Mir-ricerki testamentarji esebiti fl-atti a fol. 9 et seq u fol. 19 et seq tal-process jirrizulta li l-konjugi Pace rregolaw il-wirt u successjoni taghhom b'diversi testmenti.

   Illi Hannibal Pace rregola l-wirt u successjoni tieghu bit-testment *unica charta* ma' martu tat-3 ta' Gunju, 1988 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat (fol. 15) u bit-testment addizzjonali tat-13 ta' Jannar, 2005 fl-atti tan-Nutar Andre Farrugia (fol. 18). Permezz tat-testment tat-3 ta' Gunju, 1988 it-testatur Hannibal Pace kien halla lil martu Edith Pace b'titolu ta' legat il-kwart (1/4) indiviz tal-assi ereditarji tieghu in pjena proprjeta' u nnomina bhala werrieta universali tieghu lill-erbgha (4) uliedu l-partijiet Danielle Mizzi, Joan Engerer, Erika Spiteri u Rosanna

sive Roxanne Rizzo. Permezz tat-testment addizzjonali tat-13 ta' Jannar, 2005 halla b'legat lin-neputi Jacques Mizzi iben Danielle Mizzi l-arlogg imsemmi maghruf bhala 'Free Mason's Clock' li huwa kien wiret minghand missieru.

Fl-atti gie esebit dokument konsistenti f'ricevuta datata 27 ta' Awwissu, 2012 minn fejn jirrizulta li Jacques Mizzi gie moghti l-arlogg 'Free Mason's Clock' imholli lilu b'legat (ara ricevuta a fol. 479 tal-process).

Illi Edith Pace rregolat il-wirt u successjoni taghha b'zewg testmenti tal-11 ta' Jannar, 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (fol. 26), u iehor fl-atti tal-istess Nutar tal-20 ta' April, 2010 (fol. 31). Fit-testment tal-11 ta' Jannar, 2010 Edith Pace halliet diversi prelegati lill-erba' wliedha u legati liz-zewg neputijiet taghha wlied bintha Erika Spiteri u nnominat bhala werrieta universali lil erba' wliedha kollha ndaqs bejniethom. Innominat ukoll lill-irgiel tat-tfal taghha David Engerer u Hector Spiteri bhala ezekuturi testamentarji. Bit-testment addizzjonali datat 20 ta' April, 2010 it-testatrici Edith Pace ddikjarat li Rosanne Rizzo qieghda tirrisjedi fid-dar matrimonjali taghha u ta' zewgha l-mejjet Hannibal Pace b'mera tolleranza.

2. Illi Hector Spiteri fetah il-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' rikors tas-6 ta' Jannar, 2014 fejn talab li l-Qorti tikkonferma n-nomina tieghu bhala ezekutur testamentarju skont it-testment fuq imsemmi ai termini tal-Kodici Civili (ara process tal-Qorti Volontarja a fol. 334 tal-process). Madanakollu r-rikorrenti Danielle Mizzi u Joan Engerer intavolaw Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 42/2015 JZM kontra Hector Spiteri fil-kwalita' tieghu ta' ezekutur testamentarju tal-eredita' ta' Edith Pace fejn il-Qorti permezz ta' digriet tad-9 ta' Frar, 2015 laqghet it-talba

tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat Hector Spiteri sabiex jigi mizmum milli jagixxi ta' ezekutur testamentarju ta' Edith Pace armla minn Hannibal Pace sakemm din il-kawza odjerna tigi deciza u fit-termini tal-istess decizjoni (ara digriet a fol. 50 et seq tal-process).

3. Illi r-rikorrenti Danielle Mizzi u Joan Engerer intavolaw il-kawza odjerna nhar it-12 ta' Jannar, 2015 fejn qeghdin jitolbu li tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri taghhom Hannibal u Edith konjugi Pace. Apparti d-divizjoni jitolbu wkoll li jigi likwidat l-assi partikolari ta' Hannibal Pace inkluz l-assi parafernali tieghu u jigu assenjati ¾ mill-istess assi lill-assi partikolari ereditarji ta' Hannibal Pace u r-rimanenti ¼ mill-istess assi lill-assi partikolari ereditarji ta' Edith Pace. Talbu wkoll li l-Qorti tiddikjara nulli u bla effett dawk il-partijiet tal-prelegati u legati mhollija mit-testatrici Edith Pace li jirrizultaw bhala assi partikolari tal-mejjet Hannibal Pace ai termini tal-Artikolu 698 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Talbu wkoll li l-intimat Hector Spiteri jigi kkundannat jirrifondi s-somma ta' ghaxar 'telef Ewro (€10,000) lil assi tal-konjugi Pace u li l-istess Hector Spiteri ma jipprocedix ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Edith Pace jekk mhux ai termini ta' din is-sentenza.

   Ir-rikorrenti bil-kawza odjerna talbu wkoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimati Rosanna Rizzo, Erika Spiteri u Hector Spiteri (qua ezekutur) sabiex jimmettu fil-pussess taghhom u ta' Jacques Mizzi dawk il-prelegati u legati lilhom imhollija mill-konjugi Pace u sa fejn dawn huma validi ai termini tal-imsemmi Artikolu 698 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Talbu wkoll li konsegwentement il-Qorti tiddividi l-gid rimanenti lill-partijiet kollha fil-kwota ta' kwart kull wahda minnhom mill-erba' wlied tal-imsemmija Hannibal u Edith

konjugi Pace. Talbu ulterjoment li l-Qorti tordna l-bejgh bil-licitazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex komodament divizibbli u tikkundanna lill-intimata Rosanna Rizzo sabiex tizgombra mill-fond 39, Villa Mheriez fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann. Finalment talbu li l-Qorti ghandha tinnomina nutar u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci sabiex jigu pubblikati l-atti relattivi nkluz dawk tal-immissjoni fil-pussess.

**Assi in divizjoni:**

**Assi mmobbli:**

Illi bhala proprjetajiet immobbli in divizjoni ta' Hannibal Pace u Edith Pace li jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

1. Is-sehem shih mill-villa bin-numru 39, Villa Mheriez bil-garaxx sottostanti fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann.

Din il-proprjeta' kienet inxtrat mill-mejta konjugi Pace permezz ta' kuntratt tal-25 ta' Ottubru, 1972 fl-atti tan-Nutar George Bonello de Puis (ara kuntratt ta' xiri a fol. 323 et seq tal-process).

2. Il-kwota ta' wiehed minn tmienja (1/8) indiviz mill-fond bin-numru 38 fi Triq Carmel, Sliema, Malta.

Din il-kwota mill-fond imsemmi hija proprjeta' parafernali tal-mejjet Hannibal Pace.

3. Il-kwota ta' wiehed minn tmienja (1/8) indiviz mill-fond bin-numru 37 fi Triq Carmel, Sliema, Malta.

Din il-kwota mill-fond imsemmi hija proprjeta' parafernali tal-mejjet Hannibal Pace.

4. Il-kwota ta' wiehed minn mija tmienja u ghoxrin (1/128) indiviz mill-fond bla isem ufficjalment immarkat 135 fi Triq Merkanti, il-Belt Valletta.

Din il-kwota mill-fond imsemmi hija proprjeta' parafernali tal-mejjet Hannibal Pace.

Illi fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Hannibal Pace ntavolata minn Edith Pace, Erika Spiteri u Rosanna sive Roxanne Rizzo datata 26 ta' Lulju, 2005 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo-Agius (fol. 388) jirrizulta li l-kwota hemm indikata hija dik ta' wiehed minn erbgha u sittin (1/64) sehem indiviz. L-istess gie dikjarat mir-rikorrenti Joan Engerer u Danielle Mizzi fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* intavolati separatament fid-9 ta' Awwissu, 2005 u 10 ta' Jannar, 2016 (ara dikjarazzjonijiet a fol. 563 et seq tal-process). Madanakollu fil-mori tal-kawza r-rikorrenti resqu bhala xhud lin-Nutar Roland Wadge fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2021 (fol. 561) fejn ipprezenta arblu tar-razza (fol. 559) relatat mal-gherq tat-titolu tal-fond fi Triq il-Merkanti, Valletta. Sussegwentement Dr Albert Libreri fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2022 a fol. 563 tal-process ivverbalizza li l-kwota korretta ta' Hannibal Pace mill-fond imsemmi hija dik ta' wiehed minn mija tmienja u ghoxrin (1/128). Fl-atti hadd mill-partijiet ma ressaq provi dokumentarji tal-gherq tat-titolu tal-fond imsemmi ghalhekk il-Qorti ser tistrieh fuq dak iddikjarat minn Dr Albert Libreri.

5. Il-kwota ta' wiehed minn tnejn u tletin (1/32) indiviz mill-art maghrufa bhala 'Tal-Mansab', Fawwara limiti tas-Siggiewi tal-kejl ta' cirka erbatax il-elf disgha mija hamsa u tmenin metru kwadru (14,985 sq.m).

Din il-kwota mill-fond imsemmi hija proprjeta' parafernali tal-mejjet Hannibal Pace.

6. Il-kwota ta' kwart (1/4) indiviz mill-qabar bin-numru sitta u ghoxrin (26) fid-Divizjoni tal-Punent Sezzjoni P, Kompartiment C fic-cimiterju tal-Addolorata f'Rahal Gdid li mill-provi mressqa fl-atti jirrizulta li probabilment din il-kwota hija parafernali ta' Edith Pace[1].

**<u>Assi mobbli:</u>**

Illi l-kawza giet intavolata wkoll sabiex issir id-divizjoni tal-assi mobbli li kienu jappartjenu lill-mejtin Hannibal u Edith konjugi Pace. L-assi mobbli kienu jikkonsistu fis-segwenti:

<u>Mobbli kollha li jinsabu fil-fond ossia villa bin-numru 39, Villa Mheriez bil-garaxx sottostanti fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann.</u>

Illi l-mobbli kollha misjuba fil-villa bin-numru 39, Villa Mheriez bil-garaxx sottostanti fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann gew indikati fl-inventarju redatt minn Joan Engerer anness mal-

[1] Din il-kwota giet iddikjarata biss fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Edith Pace tal-24 ta' April, 2013 fl-atti tan-Nutar Michel Dingli minn Joan Engerer u Danielle Mizzi (fol. 281). Fir-rapport li kien gie redatt mill-Perit Felix J. Sciberras ghal finijiet ta' dikjarazzjoni *causa mortis* hemm iddikjarat li l-qabar kien inxtara mill-familja permezz ta' kuntratt tat-22 ta' Lulju, 1914 madanakollu m'huwiex car x'familja hi. Dipiu' r-ricerki li gew ipprezentati fl-atti ta' Edith Pace jmorru lura biss sas-sena 1950 (fol. 288) u zgur li fis-sena 1914 Edith Pace ma kinitx imwielda billi mill-atti jirrizulta li twieldet fis-sena 1933. Fin-nota prezentata mir-rikorrenti fis-17 ta' Dicembru, 2020 a fol. 508 et seq tal-process ir-rikorrenti ma ndikawx il-qabar bhala proprjeta' formanti parti mill-wirt tal-mejta Hannibal u Edith konjugi Pace. Il-provenjenza ta' din il-kwota u l-ezistenza taghha mill-atti huma pjuttost incerti.

affidavit taghha a fol. 82 et seq tal-process. Gew indikati wkoll fl-inventarju u valutazzjoni li saret minn Joseph Sammut ta' Belgravia Auction Gallery a fol. 85 et seq tal-process. Ir-rikorrenti Joan Engerer flimkien mal-affidavit taghha pprezentat ukoll sett ta' ritratti mmarkati kollettivament bhala Dok JE2 a fol. 89 et seq tal-process fejn jidhru l-mobbli kollha misjuba fil-Villa Mheriez.

Dwar il-mobbli l-Qorti wkoll permezz ta' digriet tal-14 ta' Novembru, 2017 a fol. 359 tal-process kienet innominat bhala Espert Tekniku lill-Edward de Gaetano sabiex jaghmel valutazzjoni tal-oggetti u effetti mobbli elenkati fl-inventarju Dok DJ1 inkluz pitturi, izda mhux tal-fided u tal-kristall, kif ukoll lill-Joseph Azzopardi ta' Victor Azzopardi Jewellers sabiex jaghmel stima tal-fided u oggetti tal-kristall elenkati fl-imsemmi inventarju Dok DJ1. Fl-atti gew prezentati z-zewg rapporti a fol. 366 et seq tal-process.

Il-mejta Edith Pace fit-testment taghha tal-11 ta' Jannar, 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (fol. 26) halliet diversi prelegati konsistenti f'mobbli. Prattikament il-kwistjoni kollha li qamet bejn il-partijiet kienet relatata ma' dawn il-mobbli billi r-rikorrenti jsostnu li l-mejta Edith Pace ma setghet qatt tiddisponi mill-mobbli hekk kif iddisponiet billi ma kinux kollha proprjeta' taghha. Isostnu li gialadarba Edith Pace ma utilizzatx il-kliem tal-ligi ghall-istitut tal-*legato di cosa altrui* d-disposizzjoni tal-prelegat/legat hija nulla. Din il-kwistjoni ser tigi trattata aktar il-quddiem.

<u>Deheb u gojjelli:</u>

L-uniku referenza ghal deheb u gojjelli fl-atti saret fit-testment tal-mejta Edith Pace konsistenti unikament (i) fic-curkett tat-tieg, u, (ii) fic-curkett tal-engagement. Ic-curkett tat-tieg jirrizulta li thalla

b'legat lil bintha Joan Engerer, filwaqt li c-curkett tal-engagement thalla b'titolu ta' legat lil bintha Erika Spiteri. Minn imkien aktar ma jirrizulta li kien hemm xi deheb jew gojjelli ohra. Barra minn hekk m'huwiex car fejn jinsabu dawn iz-zewg oggetti tad-deheb.

<u>Flus il-bank:</u>

Illi r-rikorrenti ngungew bhala xhud lir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc fejn xehed Gillmor Peplow – manager HSBC Inheritance Unit a fol. 203 et seq tal-process fis-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2015. Mill-atti jirrizulta li hemm is-segwenti kontijiet bankarji:

i. kont bin-numru 075-025106-050 li kellu ddepozitati fih sal-2015 l-ammont ta' €9,695.70 (ara statements a fol. 123 et seq tal-process). Dan il-kont jirrizulta li kien ezistenti qabel l-mewt ta' Hannibal Pace u cioe' qabel is-sena 2005.

ii. fixed deposit account bin-numru 075-025106-101 li kellu ddepositati fih sas-sena 2015 l-ammont ta' €66,002.56 (ara statements a fol. 149 et seq tal-process).

<u>Flus allegatament ritenuti mill-intimat Horace Spiteri:</u>

Illi r-rikorrenti jsostnu li l-intimat Hector Spiteri ghandu u baqa' jzomm fil-pussess tieghu s-somma ta' €10,000 appartenenti lill-assi ereditarji tal-konjugi Hannibal u Edith Pace. In fatti bhala l-hames talba taghhom jitolbu li l-intimat Hector Spiteri jigi kkundannat jirrifondi l-ammont ta' €10,000 lill-assi ereditarji tal-konjugi Pace fil-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi ereditarji ta' Hannibal Pace u fil-kwota ta' hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi ereditarji ta' Edith Pace.

Illi l-intimat Hector Spiteri bhala t-tielet eccezzjoni tieghu eccepixxa li fir-rigward l-hames talba tar-rikorrenti jiddikjara li m'ghandu jaghti l-ebda somma ndikata ta' €10,000 li kienet tappartjeni lill-Edith Pace. Imbaghad in subizzjoni fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2016 a fol. 217 et seq tal-process qal is-segwenti:

'***Dr Albert Libreri :***
F'xi zmien Edith Pace ghaddhietlek xi flus?

***Xhud :***
Iva.

***Dr Albert Libreri :***
Ghidilna kemm u meta.

***Xhud :***
Ghaddhietli ghaxart elef ewro fil-5 ta' Novembru 2008.

***Dr Albert Libreri :***
Ghal liema skop ghaddithomlok?

***Xhud :***
B'self. Originarjament b'self.

…

***Dr Albert Libreri :***
Tghidilna c-cirkostanzi ghal dan is-self?

***Xhud :***
Iva kien zmien meta kont qed naghmel business deal u kont hrigt bejn wiehed u iehor kwart ta' miljun. Konna qeghdin id-dar qed niddiskuti jiena u l-mara tieghi, u kif kien isir

b'mod regolari kienet tkun ghandna s-Sibt Edith Pace, u staqsietni jekk tistax b'xi mod tghini. U jiena tkellimt maghha u sabet l-ebda oggezzjoni li tghaddili l-ghaxart elef ewro.

***Assistent Gudizzjarju :***
Qed nigi mistoqsi biex nispjega l-ftehim ta' dan is-self: u nghid illi

***Xhud :***
Bla imghax u li kelli nroddhom lura kumdita' tieghi.

…

***Dr Albert Libreri :***
Meta raddejtom lura?

***Xhud :***
Ezattament ….stess esebiti li ghamltu intom, kif hemm it-traferiment hiereg ghal kont tieghi hemm il-flus mill-kont tieghi ghal kont ta' Edith Pace u cioe' izjed facli biex jidentifikaw ruhhom ghax hemm ismi imsemmi.
Fit-3 ta' Frar 2009 gie ritornat elf ewro; l-istatement jindika H Spiteri wkoll.
Fit-2 ta' Marzu 2009 gie ritornat elf ewro iehor.
Fit-3 ta' April 2009 gie ritornat elf ewro iehor.
Fit-3 ta' Settembru 2009 gie moghti cekk lil Edith Pace ta' tlett elef u hames mija.
Imbaghad fis-7 ta' Settembru 2009 permezz ta' internet banking ghaddejtilha elf ewro ohra. …
F'dan l-istadju Edith Pace kienet informatni li minkejja li kien ghad baqa' two thousand five hundred bie naghtiha kienet qaltli taghtinix iktar flus; u qaltli li biex meta tmut

> imbaghad maghtihom lit-tifel tieghi; u jiena dan ghamiltu. Meta mietet tajthom lit-tifel tieghi.
>
> Naqbel li fit-testment taghha dawn it-two thousand five hundred ma jissemmewx bhala legat lit-tifel tieghi ghalkemm jiena ma kellix prokura.'

Illi l-Qorti fliet l-istatements bankarji tal-HSBC Bank Malta plc a fol. 123 et seq tal-process flimkien mac-cekk fl-ammont ta' €3,500 esebit a fol. 552 tal-process li nhareg minn Mr Hector & Mrs Erika Spiteri lil Mrs Edith Pace nhar it-3 ta' Settembru, 2010 minn fejn jirrizulta li huwa minnu li komplessivament l-intimat Hector Spiteri rrifonda lil Edith Pace l-ammont ta' €7,500.

Illi dwar il-bilanc tal-ammont ta' €2,500 l-intimat Hector Spiteri jghid li Edith Pace kienet qaltlu li meta tigi nieqsa l-ammont ghandu jghaddih lill-ibnu/neputi taghha Edward-Hector Spiteri. Dan gie konfermat ukoll minn ibnu Edward-Hector Spiteri nnifsu fl-affidavit tieghu a fol. 480 tal-process fejn ikkonferma li mal-mewt tan-nanna missieru ghaddielu s-somma msemmija. L-istess gie wkoll konfermat minn Dr Veronica Anne Spiteri fl-affidavit taghha a fol. 481 et seq tal-process u fil-kontro-ezami taghha fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2021 a fol. 511 et seq tal-process.

Illi l-Qorti wara li rat l-atti kollha u l-provi kollha mressqa mill-intimat Hector Spiteri tqis li huwa minnu li m'ghandux jaghti l-ebda somma ndikata ta' €10,000 li kienet tappartjeni lil Edith Pace dan billi kif jidher mill-istatements huwa zgur irrifonda l-ammont ta' €7,500. Dwar il-kumplament dawn ghaddew lin-neputi ta' Edith Pace - Edward-Hector Spiteri fuq rikjesta inter-vivos tal-istess Edith Pace. Ghalkemm l-ebda prova dokumentarji jew testamentarja ma tressqet fl-atti li tindika li effettivament il-mejta Edith Pace riedet li r-rimanenti €2,500 jigu moghtija lin-neputi

taghha, l-Qorti tinsab konvinta li dik kienet ix-xewqa reali taghha anke meta l-Qorti tikkunsidra li din ma kinitx l-ewwel darba li tat xi haga lin-neputijiet. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-legati mhollija bit-testmenti succitati. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat Hector Spiteri u tiddikjara li l-ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-eredita' tal-konjugi Pace.

**<u>Passiv:</u>**

Illi l-intimat Hector Spiteri fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2018 a fol. 383 et seq tal-process intalab jispjega Dok CM2 x'inhu u huwa jghid li huwa '*…kif ipprezentajt l-estate ta' Edith Gace dakinhar ta' mewtha.*'. Id-dokument imsemmi jirrizulta li huwa '*Estate of the late Edith Pace Designated Testamentary Executor Statement of Expenses incurred and compensation As at 30 April 2015*' (fol. 394) fejn bazikament gew indikati l-ispejjez kollha u l-kumpens reklamat minn Hector Spiteri fl-ammont totali ta' €8,980.95.

Illi kkunsidrat li anke r-rikorrenti nfushom fit-talbiet taghhom partikolarment dik indikata fil-punt numru 6 iddikjaraw li l-irwol tal-ezekutur testamentarju ghandu jkompli ai termini ta' din is-sentenza l-Qorti ma tistax tasal sabiex tillikwida dak l-ammont reklamat mill-intimat Hector Spiteri bhala kumpens dovut lilu. Mhux biss, il-Qorti temmen li l-kompitu li jigi ffissati l-kumpens tal-ezekutur testamentarju ghandu jkun f'idejn il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) billi fl-ahhar mill-ahhar jigi nominat Perit Komputista li jezamina b'akkuratezza x'inhuwa dovut u xi spejjez ghandhom jithallsu in konnessjoni mal-ezekuterija. Dawn l-ispejjez jinkludu dawk kollha ndikati mill-intimat Hector J. Spiteri fid-dokument CM4 a fol. 394.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tikkonferma li hemm passiv liema passiv jikkonsisti fl-ispejjez kollha in konnessjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) u d-drittijiet tal-ezekutur testamentarju Hector Spiteri, din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tiffissa x'inhu l-ammont tal-passiv u dan ghar-ragunijiet spjegati fil-paragrafu precedenti.

**<u>Prelegati/legati mhollija minn Edith Pace:</u>**

Illi l-kwistjoni l-aktar imqanqla bejn il-partijiet hija dwar it-thollija minn Edith Pace tad-diversi prelegati/legati fit-testment taghha tal-11 ta' Jannar, 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (fol. 26).

Ir-rikorrenti jsostnu li bid-diversi prelegati u legati mhollija minnha, Edith Pace ddisponiet minn diversi assi, inkluz depoziti bankarji u nvestimenti u effetti mobbli ta' valur prezzjuz li ma kienux jappartjenu lilha ghaliex jew huma derivanti mill-wirt parafernali tal-premort zewgha jew huma formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha Hannibal Pace liema komunjoni qatt ma giet likwidata u liema prelegati u legati ma gewx imhollija bhala legati *di cosa altrui*.

L-intimati kontumaci fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom intavolata nhar l-20 ta' Mejju, 2022 (fol. 601) isostnu li fl-atti ma ngabet l-ebda prova cara u definittiva mir-rikorrenti li b'xi mod it-testatrici Edith Pace ma setghetx thalli l-legati u l-prelegati msemmija minhabba li xi whud mill-immobbli elenkati f'dan il-legati u prelegati ma kienux jappartjenu lilha. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument avvanzat minnhom stante li fl-atti tressqu provi cari u konkreti li minnhom jirrizulta li whud mill-oggetti mobbli mhollija bi prelegati/legati effettivament kienu proprjeta' parafernali tal-mejjet Hannibal Pace. Infatti tressaq bhala xhud il-

Professur Joseph Leslie Pace – hu l-mejjet Hannibal Pace li xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 109 tal-process fejn stqarr is-segwenti:

'4. Inkwantu ghall-affarijiet mobbli li gew mill-wirt tal-genituri taghna, jien qed nara l-inventarju ezebit mal-affidavit ta' Joan Engerer kif ukoll is-sett ta' ritratti li hi wkoll ezebiet ma dan l-affidavit, liema ritratti ghandhom kull wiehed numru li jikkorrispondi ma l-insemmi inventarju. Wara li jien rajt sija l-inventarju u sija r-ritratti, nista nghid b'certezza illi mill-wirt ta' ommna, Hannibal wiret l-items murija fir-ritratti 1, 2, 6, 8, u 9. Mill wirt tal-papa Hannibal wiret l-items numerat 3, 4, 5, 10, 12, 41, u 42. Ghar-rigward l-items 7 u 11 dawn kienu ta' ommna u missierna flimkien u Hannibal messu lilhom mill-wirt tal-genituri tieghu.'

Illi l-beni parafernali tal-mejjet Hannibal Pace hekk kif indikati minn huh il-Profs Joseph Leslie Pace jikkonsistu fis-segwenti:

i. item 1[2] – inlaid marquetry credenza, brass handles, black marble top;

ii. item 2 – 7 drawer (different sizes) bureau/credenza, brass lion handles wheels on legs;

iii. item 3 – very large floral painting, gold frame, foreign artist;

iv. item 4 – large painting white bearded old man, gold frame;

v. item 5 – 6 mahogany framed engravings, grand masters, gold edging inside frame;

[2] In-numru tal-items varji ndikati huwa dak skont l-inventarju u r-ritratti tar-rikorrenti Joan Engerer misjuba a fol. 82 et seq tal-process.

vi. item 6 – 3 mahogany chairs, leather seat, horizontal decoration on back, tapered legs;

vii. item 7 – mahogany table ‘tal-biskuttin’ on four columns, which are standing on four legs;

viii. item 8 – antique wall plates 4 large and 4 smaller ones, dark blue flower design;

ix. item 9 – 3 antique wall plates (rectangular) different sizes, green leaves and branches;

x. item 10 – pair antique beveled mirrors with mahogany shelf and marquetry on top;

xi. item 11 - 2 paintings (same size) mountain scene and vase of flowers, local artist;

xii. item 12 – 1 small chest of drawers (2 drawers) – made by Mr Pace himself;

xiii. item 41 – Various engravings ‘grandmasters’ not mahogany framed as others are;

xiv. item 42 – 2 engravings, mounted and in mahogany frame, map mahogany frame also.

L-istess ghandu x’jinghad fir-rigward il-legat imholli fit-tielet artikolu tat-testment tal-11 ta’ Jannar, 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (fol. 26) minn fejn jirrizulta li Edith Pace halliet b’titolu ta’ legat lill-uliedha Joan Engerer, Erika Spiteri u Roxanne Rizzo l-flus, accounts, investimenti u titli ohra li jirrapprezentaw

flus mizmuma f'banek f'Malta. Dan qieghed jinghad ghaliex mid-deposizzjoni tar-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc Gillmor Peplow (fol. 203) jirrizulta car li l-flus mizmuma fil-kontijiet bankarji kienu ezistenti minn qabel il-mewt ta' Hannibal Pace. Jsegwi li gialadarba kienu ezistenti qabel il-mewt tieghu dawn kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-imsemmi artikolu jaqra kif isegwi:

> '**Article three**
>
> The testatrix bequeathes by title of legacy to her daughters Joan Engerer, Erika Spiteri and Roxanne Rizzo all the moneys, accounts, investments and other titles representing money held in banks in Malta.'

Illi dwar l-argument li l-mejta Edith Pace ma nizzlitx li qed thalli *legato di cosa altrui* l-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 698 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta l-kaz fejn bicca biss tal-haga mhollija b'legat tkun tat-testatur. Jaqra illi:

> '698. Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha.'

Illi minn harsa lejn il-legati kollha mhollija minn Edith Pace fit-testment tal-11 ta' Jannar, 2010 (fol. 26) jirrizulta bic-car li Edith m'uzatx il-kliem dettat mill-ligi u cioe' li hija taf li l-haga mhux kollha taghha pero' xorta taghzel li thallija lill-parti koncernata. Isegwi li ladarba m'utilizzatx il-kliem dettat mill-ligi l-legat/i huma limitati biss sal-parti proprjeta' taghha, filwaqt li r-

rimanenti tibqa' tifforma parti mill-assi ereditarji ta' Hannibal Pace.

Ghalhekk fir-rigward il-flus bankarji Edith Pace ddisponiet minn hames parti minn tmienja (5/8) sehem proprjeta' taghha favur uliedha Joan Engerer, Erika Spiteri u Roxanne Rizzo u l-bqija baqa' jifforma parti mill-wirt u successjoni ta' Hannibal Pace. Rigward l-oggetti mobbli li kienu parafernali ta' Hannibal Pace t-testatrici Edith Pace ddisponiet minn kwart (1/4) minn sehem shih favur il-legatarji filwaqt li r-rimanenti tlett kwarti (3/4) baqa' formanti parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Hannibal Pace.

Dwar id-*dinner set* komplut bil-kulur abjad u ahdar bid-deheb imholli favur Dr Veronica-Anne Spiteri fit-tmien (8) artikolu tat-testment tal-11 ta' Jannar, 2010 li jidher fir-ritratt a fol. 484 tal-process, l-Qorti rat li fl-atti tressaq bhala xhud Alfred Borg bl-uzu tal-affidavit a fol. 483 tal-process fejn ikkonferma li dan is-sett kien jappartjeni lil ommu Evelyn Borg u liema set kien inghata bhala dota lill-ohtu l-mejta Edith Pace. Gialadarba rrizulta ppruvat li dan id-*dinner set* huwa proprjeta' parafernali ta' Edith Pace dan il-prelegat jista' jigi sodisfatt. Mhux l-istess jista jinghad dwar il-*crystal jelly set* imholli lill-istess Dr Veronica-Anne Spiteri u 925 silver powder box, jewel box u manicure set u d-drink crystal set imholli minn Edith Pace lin-neputija Marija-Evelina Spiteri stante li ma tressqet l-ebda prova li dawn kienu proprjeta' parafernali ta' Edith Pace.

**<u>Divizjoni tal-assi:</u>**

<u>Assi mmobbli:</u>

Illi huwa car li l-immobbli mizmuma ndivizament bejn il-partijiet m'humiex komodament divizibbli. Infatti dan huwa kkonfermat

ukoll mill-intimati fejn fin-nota taghhom intavolata flok ir-risposta guramentata a fol. 42 tal-process iddikjaraw fl-ewwel lok li jaqblu interament mat-talbiet attrici.

Illi fil-mori tal-kawza ma giex nominat Perit Tekniku sabiex jivvaluta l-fondi indivizjoni, madanakollu r-rikorrenti ntavolaw nota datata 17 ta' Dicembru, 2020 a fol. 508 et seq tal-process fejn iddikjaraw illi huma ma jidrilhomx li hemm bzonn nomina ta' perit tekniku kemm il-darba l-proprjetajiet immobbli jitqiesu bil-valuri kif indikati fl-istess nota. Bhala valuri gew iddikjarati s-segwenti:

i. Villa Mheriez, Triq G. Despott, Kappara, San Gwann – €680,000;

ii. Sehem mill-art fis-Siggiewi maghrufa bhala Tal-Mansab - €3624;

iii. Sehem mill-fond 37 fi Triq il-Karmnu, Sliema - €25,000;

iv. Sehem mill-fond 38 fi Triq il-Karmnu, Sliema - €31,250.

Fir-rigward il-fond 135 fi Triq il-Merkanti, Valletta jirrizulta mill-atti li dan gie awtorizzat li jinbiegh b'sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili bir-rikors guramentat numru 73/2020MH b'decizjoni tad-29 ta' Ottubru, 2020 u fejn l-Qorti awtorizzat li l-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u l-PL Katrina Zammit Cuomo jidhru ghall-iffirmar u pubblikazzjoni tal-att finali u jiddepositaw taht l-Awtorita' tal-Qorti s-sehem fi flejjes relattiv mas-sehem tal-assenti kompropjetarji injoti. Isegwi ghalhekk li sehem il-partijiet f'din il-kawza ser ikun iddepositat taht l-awtorita' tal-Qorti u ghalhekk kull parti hija libera li tizbanka s-sehem taghha.

Illi l-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> '515. (1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.
>
> (2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tieħu.'

Illi l-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Rita Grech et -vs- Giuseppe Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fil-15 ta' Lulju, 1969 dwar il-bejgh bil-licitazzjoni gie dikjarat kif isegwi:

> 'il-licitazzjoni tibqa' rimedju straordinarju u eccezzjonali hafna u konsentita biss meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara, ossija minghajr pregudizzju tal-kondividendi.'

Gialadarba jirrizulta li l-beni mmobbli ndikati fil-paragrafi precedenti m'humiex komodament divizibbli l-Qorti ser tordna u awtorizza l-bejgh bil-licitazzjoni taghhom ai termini tal-artikolu appena kwotat. M'hemmx kwistjonijiet dwar il-kwoti relatati mal-immobbli billi l-partijiet ghandhom kollha s-sehem ta' 1/4. Jigi nutat li f'certu mmobbli l-kwota ta' 1/4 hija minn frazzjoni u mhux minn sehem shih indiviz.

Fic-cirkustanzi tal-kaz odjern il-Qorti tqis li jkun fl-ahjar interess tal-kondividendi kollha li fil-bejgh bil-licitazzjoni tigi awtorizzata il-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali

partecipazzjoni hija mposta mill-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> '(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'

<u>Mobbli kollha li jinsabu fil-fond ossia villa bin-numru 39, Villa Mheriez bil-garaxx sottostanti fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann:</u>

Illi l-istess argument tal-immobbli huwa applikabbli fil-kaz tal-mobbli kollha misjuba fil-villa bin-numru 39, Villa Mheriez bil-garaxx sottostanti fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann dan billi huwa ferm difficli minhabba l-varjazzjoni fil-kwoti ritenuti minn kull wahda mill-partijiet li l-oggetti jigu divizi bejniethom. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-opzjoni l-aktar ghaqlija u fl-interess tal-partijiet kollha huwa li l-oggetti mobbli kollha ndikati fl-inventarji u fir-rapporti tal-Esperti Teknici Joseph Azzopardi u Edward de Gaetano a fol. 366 et seq tal-process nominati mill-Qorti huwa li jigu rkantati minn Joseph Sammut ta' Belgravia Auctioneers li ghandhom jibdew bhala valur minn dak indikat fir-rapport tal-istess Esperti Tekniku u jkun biss fl-eventwalita' li ma jinbieghux li l-valur ghandu jigi diminwit f'dak il-valur li l-irkantatur jhoss li hu gust. Illi ovvjament jekk wahda mill-partijiet fil-kawza odjerna tippartecipa fl-irkant u tirbah xi oggett mobbli hija ghandha thallas il-valur tal-oggett u l-ispejjez/kummissjoni relatati mal-istess irkant eskluz is-sehem taghha mill-istess oggett.

Il-Qorti tosserva s-segwenti:

i. Illi l-partijiet li lilhom thalla legat ta' xi oggetti li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti l-kwota taghhom tal-omm ghandha

tkun dik ta' 1/2 + 1/4 = 3/4 filwaqt li dik tal-missier ghandha tkun dik ta' 1/16 sehem kull wahda mill-partijiet.

ii. Illi l-partijiet li lilhom thallas legat mill-omm Edith Pace ta' xi oggetti li kienu proprjeta' parafernali tal-missier (oggetti ndikati minn Profs Leslie Pace) il-kwota taghhom ghandha tkun dik ta' sehem l-omm ta' 1/4 filwaqt li l-kwota tal-missier ghandha tkun dik ta' 3/16.

iii. Illi l-oggetti l-ohra kollha li ma gewx indikati bhala legati l-partijiet ghandhom is-sehem ta' 1/4 kull wiehed u wahda minnhom.

Illi dwar il-legat imholli lil Dr Veronica-Anne Spiteri l-Qorti gia ddisponiet fis-sezzjoni precedenti '**<u>Prelegati/legati mhollija minn Edith Pace:'</u>**

<u>Flus il-bank:</u>

Illi dwar il-flus mizmuma l-bank jirrizulta li fit-tielet artikolu tat-testment tal-10 ta' Jannar, 2010 atti Nutar Francesca Borg Edith Pace halliethom b'legat lill-uliedha Joan, Erika u Rosanna sive Roxanne ahwa Pace.

Jirrizulta li l-flus kienu formanti parti mill-komunjoni tal-akwisti ghalhekk kienu mizmuma fi kwota ta' nofs bin-nofs. Billi l-mejjet Hannibal Pace halla l-kwota ta' 1/4 indiviz lil martu Edith Pace bit-testment *unica charta* tat-3 ta' Gunju, 1988 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat il-kwoti li jispettaw lill-partijiet huma segwenti:

i. Ir-rikorrenti Joan Engerer, u l-intimati Erika Spiteri u Roxanne Rizzo ahwa Pace mis-sehem ta' ommhom ghandhom 1/3 kull

wahda minnhom filwaqt li mis-sehem ta' missierhom ghandhom il-kwota ta' 1/16 kull wiehed u wahda minnhom.

ii. Ir-rikorrenti Danielle Mizzi minn sehem ommha Edith m'ghandha xejn filwaqt li minn sehem missierha ghandha s-sehem ta' 1/16.

<u>Deheb u gojjelli:</u>

Dwar id-deheb u gojjelli il-Qorti aktar il-fuq gia ddikjarat li salv ghac-curkett tal-*engagement* u tat-tieg tal-mejta Edith Pace li thallew bhala legat, ma tressqet l-ebda prova ohra dwar xi oggetti ohra. Stante li z-zewg legati kif mhollija lil Joan Engerer u Erica Spiteri ma jirrizultax li gew b'xi mod validament kontestati mill-partijiet l-ohra l-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida ghalfejn dawn il-legati m'ghandhomx jigu sodisfatti. Mill-atti ma jirrizultax li dawn iz-zewg oggetti gew inkluzi fl-inventarju ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda nformazzjoni dwar fejn presentement jinsabu dawn iz-zewg oggetti.

**<u>Zgumbrament tal-intimata Rosanna sive Roxanne Rizzo:</u>**

Illi r-rikorrenti permrezz tal-hdax (11) il-talba taghhom jitolbu li l-intimata Rosanna Rizzo tigi kkundannata tizgombra mill-fond 39, Villa Mheriez, fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann.

Illi fin-nota taghha ntavolata nhar il-5 ta' Frar, 2015 l-istess Rosanna sive Roxanne Rizzo ma kkontestatx din it-talba. Dan premess jigi rilevat ukoll li l-mejta Edith Pace fit-testment taghha tal-20 ta' April, 2010 fl-atti tan-Nutar Francesca Borg (fol. 31) iddikjarat li bintha Roxanne Rizzo qieghda tghix fid-dar residenza taghha bin-numru 39 fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann biss b'mera tolleranza u taht l-ebda titolu ta' kera. Ikkunsidrat dan

kollu l-Qorti tikkonkludi li l-intimata Roxanne Rizzo qieghda tghix fil-fond imsemmi unikament b'mera tolleranza u ghalhekk tordna l-izgumbrament taghha mill-fond minnufih li dan jigi trasferit lil terzi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' t-tielet (3) eccezzjoni tal-intimat Hector Spiteri stante li jirrizulta li mhux dovut minnu l-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) u tichad l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimat Hector Spiteri sa fejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn Hannibal u Edith konjugi Pace fil-mument tal-mewt ta' Hannibal Pace bhala dik indikata fis-sezzjoni '**<u>Assi in divizjoni:</u>**';

3. Tilqa' t-tieni (2) talba u tordna d-divizjoni tal-assi ereditarji ta' Hannibal u Edith konjugi Pace f'zewg porzjonijiet u tassenja l-kwota ta' tlieta minn tmienja (3/8) lill-assi ta' Hannibal Pace u l-kwota ta' hamsa minn tmienja (5/8) lill-assi ta' Edith Pace;

4. Tilqa' t-tielet (3) talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Hannibal Pace inkluz l-assi parafernali tieghu bhala dawk indikati fis-sezzjoni bhala '**<u>Assi in divizjoni:</u>**' u tassenja l-kwota ta' tlett kwarti (3/4) lill-assi ta' Hannibal Pace u l-kwota ta' kwart (1/4) lill-assi ta' Edith Pace;

5. Tilqa' r-raba' (4) talba u tiddikjara nulli u bla effett dawk il-partijiet tal-prelegati u legati mhollija mit-testatrici Edith Pace li jirrizultaw bhala assi partikolari u ereditarji tal-mejjet Hannibal Pace ai termini tal-Artikolu 698 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sa dik il-parti li hija ta' Hannibal Pace;

6. Tichad il-hames (5) talba billi Hector Spiteri m'ghandux jirrifondi l-ebda somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) lill-assi ereditarji tal-konjugi Pace;

7. Tichad in parte s-sitt (6) talba u dan sa fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li Hector Spiteri bhala ezekutur testamentarju ta' Edith Pace m'ghandux jghaddi ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji u tilqa' l-parti fejn l-imsemmi ezekutur testamentarju ghandu jghaddi sabiex jillikwida l-assi tal-mejta Edith Pace ai termini tas-sentenza;

8. Tilqa' t-tmien (8) talba u prevja l-hlas u l-immissjonijiet tal-pussess tal-prelegati/legati fejn applikabbli, tiddikjara l-gid rimanenti lill-partijiet kollha eskluz Hector Spiteri, fil-kwota ta' kwart (1/4) kull wiehed minnhom tal-imsemmija Hannibal u Edith konjugi Pace u dan hekk kif indikat fis-sezzjoni **'Divizjoni tal-assi'**;

9. Tichad id-disa' (9) talba;

10. Tilqa' l-ghaxar (10) talba u tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-beni mmobbli u l-beni mobbli kollha hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Divizjoni tal-assi:**'. Stante li fl-atti ma saret l-ebda valutazzjoni professjonali tal-beni mmobbli l-Qorti qed tinnomina lill-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata dwar il-valur tal-istess ai fini tal-proceduri tal-bejgh bil-licitazzjoni.

Il-bejgh tal-beni mobbli ghandu jsir kif gia ndikat aktar il-fuq f'din id-decizjoni. Fil-kaz tal-immobbli u l-mobbli l-Qorti qed tammetti l-oblaturi estranei u dan fl-ahjar interess tal-eredi kollha.

11. Tilqa' l-hdax (11) il-talba u tikkundanna lill-intimata Rosanna sive Roxanne Rizzo sabiex tizgombra mill-fond 39, Villa Mheriez fi Triq G. Despott, Kappara, San Gwann minnufih li l-istess fond jigi trasferit lil terzi;

12. Tichad it-tnax (12) il-talba billi m'hemmx bzonn il-hatra ta' Nutar Pubbliku u kuraturi deputati gjaladarba l-beni kollha ser jigu mibjugha bil-bejgh bil-licitazzjoni, filwaqt li l-prelegat ta' *dinner set* imholli minn Edith Pace lil Dr Veronica-Anne Spiteri ghandu jinghata lilha u tithalla d-debita' ricevuta minn l-istess Dr Veronica-Anne Spiteri.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-partijiet eskluz l-intimat Hector Spiteri fi kwoti ugwali bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' Jannar, 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Jannar, 2023**